**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 19 ta' Settembru, 2018**

**Rikors Nru: 224/06 MLF**

**Anthony Sammut**

**vs**

**Id-Direttur Ufficju Kongunt**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Anthony Sammut fejn espona is-segwenti:

Illi l-esponent gie notifikat b'ittra ufficjali pprezentata fil-31 ta' Mejju 2006 mill-intimat ghat-tenur tal-Artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) (Dok. A) u li permezz taghha gie interpellat ihallas is-somma ta' tmint elef mija u sitta u tletin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm8,136.40) allegatament dovuti bhala hlas ta' cens fuq art imsejha Ta' Gnien Fliexken fil-limiti ta' Birkirkara;

Illi l-esponent jikkonferma li b'kuntratt datata 5 ta' Lulju 1982 (Dok. B) huwa kien akkwista minghand Carmel Debono l-utile dominju fuq porzjon mill-art fuq imsemmija;

Illi l-esponent jikkontesta li huwa debitur tal-intimat u jsostni li:

(a) L-att gudizzjarju ipprezentat mill-intimat m'ghandu l-ebda effett in kwantu l-ammont pretiz huwa ta' tmint elef mija u sitta u tletin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm8,136.40), ammont li ma jaqax fil-kompetenza ta' din il-Qorti. Ghalhekk l-att gudizzjarju huwa null u ma jistax jikkostitwixxi titolu ezekuttiv ghat-tenur tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12.

(b) Il-pretenzjoni tal-intimat hija ghall-hlas ta' cens. Cens m'huwiex wiehed mill-krediti li japplika ghalih l-Artikolu 466 tal-Kap. 12.

(c) Illi in kwantu l-interpellanza tirreferi ghall-perjodu 6 ta' Mejju 1993 sal-5 ta' Mejju 2001, il-pretenzjoni tal-intimat hija preskritta ghat-tenur tal-Artikolu 2156(a) tal-Kodici Civili.

(d) Illi bla pregudizzju, l-esponent jikkontesta li huwa debitur tal-intimat in kwantu huwa kien zviluppa l-art snin twal ilu u ttrasferixxa l-proprjeta' lil terzi. Ic-cens kien gie diviz u jithallas mill-akkwirenti tal-proprjetajiet diversi li akkwistaw il-proprjeta' u l-hlas isir lill-intimat li min-naha tieghu jaccettah u johrog ukoll id-debita ricevuta.

Ghaldaqstant, l-esponent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija u ghat-tenur tal-Artikolu 466(2) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12) tiddikjara l-pretenzjoni tal-intimat bhala nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Rat ir-risposta tal-konvenut Direttur tal-Ufficju Kongunt fejn espona:

Illi huwa gie notifikat b'rikors ipprezentat nhar il-11 ta' Lulju 2006, fejn ir-rikorrenti qieghed jikkontesta l-ammont mitlub mill-esponenti.

Illi preliminarjament ir-rikors ta' Anthony Sammut huwa irritu u null stante li l-ittra ufficjali flimkien mad-Dikjarazzjoni Guramentata tal-esponenti, giet notifikata lilu nhar l-10 ta' Gunju 2006 (Dok EC 1 ezebit), filwaqt li r-rikors tieghu gie pprezentat nhar il-11 ta' Lulju 2006 (jidher li bi zvista t-timbru jindika 2005), u ghalhekk skada t-terminu t'ghoxrin jum min-notifika, kif preskritti ai termini l-Artikolu 466 subinciz (2), tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi għalhekk m'hemmx skop għal din il-kawża stante li t-talba tal-esponenti għall-ammont pretiż fl-ittra uffiċjali, flimkien mad-Dikjarazzjoni Ġuramentata, għandha ġia l-effett ta' daqslikieku ġudikat tal-qorti kompetenti, stante li r-rikorrent naqas li jopponi t-talba fi żmien għoxrin jum, ai termini l-imsemmi Artikolu 466 subinċiż (2), tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi sekondarjament u bla preġudizzju għas-suespost l-ammont kif pretiż mill-esponenti, ai termini l-ittra ġudizzjarja tal-31 ta' Mejju 2006, huwa kollu dovut kif ser jirriżulta waqt il-provi, għalhekk il-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt kif ukoll fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant għar-raġunijiet suesposti, din l-Onorabbli Qorti, m'għandhiex tilqa' t-talba tar-rikorrenti, u għalhekk tikkundannah iħallas l-ammont kif pretiż, bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet skond il-liġi.

Rat li fis-seduta tat-18 ta' Settembru 2006, din il-Qorti (diversament preseduta) kienet iddifferiet il-kawża għat-trattazzjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur intimat.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet fis-seduta tas-27 ta' Ġunju 2018, limitatament dwar l-eċċezzjoni tad-Direttur intimat u dwar l-eċċezzjoni tar-rikorrenti dwar il-preskrizzjoni kwinkwennali sollevata mill-avukat difensur tal-istess rikorrent fl-istess seduta.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Fl-aħħar seduta u ċioe dik tas-27 ta' Ġunju 2018, l-avukat difensur tar-rikorrenti issolleva l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali (mingħajr ma indika l-ebda artikolu jew subinċiż ta' artikolu li fuqha qed tiġi ibbażata). Però kif jirriżulta mir-rikors promotur, din l-eċċezzjoni kienet diġa ġiet sollevata mir-rikorrent għal parti mill-ammont pretiż mid-Direttur intimat,

bhala t-tielet raguni ghala din il-Qorti ghandha tiddikjara l-pretensjoni tad-Direttur intimat infondata fil-fatt u fid-dritt.

Fi kwalunkwe kaz, qabel din il-Qorti tista' tippronunzja ruhha fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u r-ragunijiet l-ohra moghtija fir-rikors promotur, partikolarment l-allegazzjoni tan-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti, din il-Qorti trid bil-fors tiddeciedi l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat li r-rikors promotur gie ipprezentat fuori termine, ghax jekk din l-eccezzjoni tigi milquha, din il-Qorti hija prekluza milli tindaga l-aggravji tar-rikorrent kif kontenuti fir-rikors promotur tieghu, jew l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ulterjuri sollevata mill-avukat tar-rikorrent fl-ahhar seduta.

Fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2006, l-avukat difensur tad-Direttur intimat ivverbalizza li l-original tal-ittra ufficjali in kwistjoni ma nstabitx fil-process, u minflok ipprezenta kopja taghha u tal-pink card relattiva awtentikati bhala vera kopja mill-Prokuratur Legali Vanessa Magro, rapprezentant tad-Dipartiment tal-Artijiet. Fis-seduta tal-4 ta' Dicembru 2006 xehdet il-Prokuratur Legali Vanessa Magro li qalet li meta giet ipprezentata l-ittra ufficjali in kwistjoni hija zammet kopja taghha, u wara xi granet marret tivverifika fir-registru tal-Qorti u sabet ir-riferta posittiva, u kif inhi prattika taghha, hadet kopja tar-riferta, u zammitha fil-file flimkien mal-kopja tal-ittra ufficjali. Hija ikkonfermat il-kopja tal-ittra ufficjali u tal-pink card relattiva li kienet giet ezebita mill-avukat difensur tad-Direttur intimat. Hija qalet ukoll li wara li bdew dawn il-proceduri, regghet pruvat tfittex din l-ittra ufficjali fir-registru, u l-pink card relattiva, izda ma nstabux. Fil-fatt fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2018, Emanuel Sciriha, Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali, ikkonferma li l-ittra ufficjali kienet ghada mitlufa.

Fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2008 inghalqu l-provi fuq din l-ewwel eccezzjoni u l-kawza giet differita ghat-trattazzjoni fuq din l-ewwel eccezzjoni ghas-seduta tal-11 ta' Marzu 2009. F'dik is-seduta il-process ma nstabx u billi baqa' ma nstabx fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2010, din il-Qorti (diversament preseduta) ordnat li l-process jigi rikostruwit.

Fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2010, id-Direttur intimat ezebixxa kopja tad-dokumenti ipprezentati minnu f'dawn il-proceduri, u cioe r-risposta tieghu ghar-rikors promotur, nota tal-Kummissarju tal-Artijiet ipprezentata fl-20 ta' Ottubru 2006 li maghha hemm annessa kopja tal-ittra ufficjali datata 31 ta' Mejju 2006 mibghuta lir-rikorrent u l-pink card relattiva, awtentikati bhala vera kopja mill Prokuratur Legali Vanessa Magro u kopja tat-traskrizzjoni

tax-xhieda li l-Prokuratur Legali Vanessa Magro tat quddiem din il-Qorti fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2006.

Kif jirrizulta anke min-nota tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili ipprezentata fid-9 ta' Marzu 2012, biex jigi rikostruwit fl-intier tieghu, il-process kien jonqsu ir-rikors promotur tar-rikorrent u affidavit tar-rikorrent u fl-istess nota r-Registratur qal li kellem lill-avukat tar-rikorrent sabiex jingiebu dawn id-dokumenti. Pero, r-rikorrent, ghar-ragunijiet tieghu, dam jittratjieni biex jipprezenta dawn id-dokumenti minn Mejju 2010 sat-22 ta' Marzu 2018, wara li din il-Qorti, kif preseduta, informat lill-avukat difensur tar-rikorrent li jekk l-atti nieqsa mhux se jigu pprezentati fil-hin tal-gheluq tar-registru tal-ghada, kienet se tqis li r-rikorrent m'ghandux aktar interess f'dawn il-proceduri.

Fuq ordni ta' din il-Qorti, ufficjali tal-Qorti ipprezentaw print out mid-database tal-Qorti li turi meta dawn il-proceduri gew registrati fis-sistema komputerizzata tal-Qorti u d-differimenti kollha ta' dawn il-proceduri, kif jirrizultaw mill-istess sistema.

Fit-trattazzjoni orali, l-avukat difensur tal-konvenut issottometta li din il-Qorti ma tistax ikollha "ic-certezza" li tilqa l-ewwel eccezzjoni stante li d-dokumenti originali kollha ntilfu, u fil-process hemm biss fotokopja. Fl-ewwel lok, il-Qorti tirreleva l-grad tal-prova fil-kamp civili huwa dak ibbazat fuq il-probabbilita u mhux ic-certezza assoluta. Il-prova tac-certezza assoluta lanqas hija rikjesta fil-kamp kriminali, ahseb u ara f'dak civili. Fit-tieni lok, kif sewwa osserva l-avukat difensur tad-Direttur intimat m'huwiex gust li ssir sottomissjoni li ma gietx migjuba l-ahjar prova, meta r-rikorrent ma ssolleva l-ebda eccezzjoni fir-rigward tal-fotokopji ipprezentati u tat-traskrizzjoni tax-xhieda tal-Prokuratur Legali Vanessa Magro, li *del resto* ma kien hemm xejn x'izomm lir-rikorrent milli jerga' jingungi lil din ix-xhud biex tixhed, jew jaghmlilha kontro-ezami. Inoltre, mill-atti ma jirrizultax li r-rikorrent ezercita d-drittijiet tieghu li *se mai* seta' kellu taht l-Artikolu 192 tal-Kodici ta' Procedura Civili li jitratta d-drittijiet ta' parti li tallega li l-kopji li rceviet ma jkunux sewwa bhall-original.

Fis-sottomissjonijiet orali, l-avukat difensur tar-rikorrent jissottometti wkoll illi *"jidher car li anke fil-kopja kien hemm zball fid-data."* Mill-atti ma jirrizulta li kien hemm l-ebda zball fid-data fil-kopja tal-ittra ufficjali. L-unika zball fid-data li jirrizulta li kien hemm kien fid-data tal-prezentata tar-rikors promotur ta' dawn il-proceduri li rcieva id-Direttur intimat. Dan jirrizulta mir-risposta tal-istess Direttur intimat fejn jghid hekk *"r-rikors li gie minnu* (cioe

mir-rikorrent ipprezentat) *nhar il-11 ta' Lulju 2006 (jidher li bi zvista t-timbru jindika 2005).”* Ghal xi raguni id-Direttur intimat ma pprezentax kopja tar-rikors promotur minnu ipprezentat, pero fi kwalunkwe kaz, hu car li l-annu tat-timbru tal-Qorti kellu jkun 2006 u mhux 2005 – ghax l-ittra ufficjali in kwistjoni giet ipprezentata fil-31 ta' Mejju 2006 u n-numru moghti lir-rikors promotur mir-registru tal-Qorti huwa 224/06.

Issa mill-fotokopja tal-pink card ezebita, jirrizulta li r-rikorrent gie notifikat bl-ittra ufficjali in kwistjoni flimkien mad-dikjarazzjoni guramentata tad-Direttur intimat fl-10 ta' Gunju 2006, u minn Dok RB1 ipprintjat minn Gaetana Aquilina, deputat registratur tal-Qorti, u ikkonfermat bil-gurament minnha, jirrizulta li dawn il-proceduri gew registrati fis-sistema komputerizzata tal-Qorti fis-26 ta' Lulju 2006.[1] Huwa veru li fir-risposta tieghu, id-Direttur intimat jghid li r-rikorrent ipprezenta r-rikors tieghu fil-11 ta' Lulju 2006, pero din il-Qorti ma tara l-ebda raguni valida ghalfejn ghandha tiskarta dak li jirrizulta mis-sistema komputerizzata tal-Qorti. Fi kwalunkwe kaz, anke jekk din il-Qorti, ghall-grazzja tal-argument biss, kellha tiehu id-data tal-11 ta' Lulju 2006, bhala d-data li fiha gie ipprezentat ir-rikors promotur, xorta jibqa l-fatt li mill-provi jirrizulta li ghaddew iktar mill-20 jum, preskritti fl-Artikolu 466(2) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, bejn il-gurnata li fiha r-rikorrent gie notifikat bl-ittra ufficjali in kwistjoni u d-data li fiha gie intavolat ir-rikors promotur odjern. Ir-rikorrent ma ghamilx l-icken tententattiv sabiex jikkontesta dawn id-dati bi provi kuntrarji.

Konsegwentement huwa lampanti li r-rikors promotur odjern gie ipprezentat fuori termine u huwa irritu u null.

In vista ta' din il-konkluzjoni, din il-Qorti hija prekluza milli tikkunsidra l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mir-rikorrenti fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2018, stante li tali eccezzjoni tista' biss tigi ikkunsidrata minn din il-Qorti, kieku dawn il-proceduri gew istitwiti validament skond il-ligi.

---

[1] Ara fol. 204 tal-process.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. Tilqa l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat u tiddikjara li r-rikors promotur tal-proceduri odjerni huwa irritu u null stante li gie pprezentat wara li skada t-terminu t'ghoxrin jum min-notifika tar-rikorrent tal-ittra ufficjali prezentata fil-31 ta' Mejju 2006, u tad-dikjarazzjoni guramentata annessa maghha, kif preskritt ai termini l-Artikolu 466 subinciz (2), tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Konsegwentement tiddikjara li l-ittra ufficjali prezentata fil-31 ta' Mejju 2006 flimkien mad-dikjarazzjoni guramentata maghha annessa, li giet mibghuta mid-Direttur intimat u notifikata lir-rikorrent ghandha l-effett daqs li kieku gudikat tal-qorti kompetenti.

3. Konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali sollevata mill-avukat difensur tar-rikorrent fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2018.

4. L-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mir-rikorrent.

**Maġistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Reġistratur**